MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 15

19 ta' Jannar 2009

Minuti tas-Seduta Nru. 15 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 19 ta' Jannar 2009.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrefera għall-minuta 4.5.2. **(Ref: K/1)** tas-seduta preċedenti u talab li din tinqara kif ġej:

*"4.5.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrefera għall-minuta 14.1. tas-seduta preċedenti u ppropona li tintbagħat nota ta' apprezzament lis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni Dr Chris Said rigward l-attività li saret fl-iskola primarja fl-4 ta' Diċembru 2008, bil-parteċipazzjoni tiegħu u ta' l-ex-sindki tal-Mellieħa Joseph Borg u tiegħu, flimkien mas-Sindku attwali Robert Cutajar. Huwa fakkar li din seħħet wara kuntatti li kien hemm bejn is-Sindku u l-Kap ta' l-istess skola – is-Sinjura M. Leone.".*

1.2. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni għal-minuta 9.11. **(Ref: A/5/3/1/Vol X**) u talab li din tinqara kif ġej:

*"9.11. Is-Sur R. Cutajar irrefera għall-kriterji 3.3 u 3.4. Huwa qal li forsi dawn itellfu mill-kredibilità mal-pubbliku, peress li l-unuri qed jingħataw lill-membri li għadhom fil-kariga ma' l-istess kunsill li fassal il-kriterji.".*

1.3. Il-Kunsillier C. Bartolo aċċenna għall-minuta 9.15. **(Ref: A/5/3/1/Vol X)** u ppropona li tiġi mibdula kif ġej:

*"9.15. Il-Viċi Sindku E. Bartolo kkummenta li kien hemm tliet persuni li ngħataw unuri b'dan il-mod – wieħed kien serva żewġ mandati bħala sindku u tlieta bħala kunsillier, ieħor li serva għal żewġ mandati li f'wieħed minnhom kien sindku, filwaqt li kien hemm persuna oħra li serviet bħala viċi sindku għal tliet snin u għal erba' mandati bħala membru tal-kunsill. Is-Sur Bartolo qal ukoll li fit-tliet każi, dawn kienu jissuperaw il-kriterji stabbiliti. Is-Sur E. Bartolo esprima li huwa jaqbel illi l-kriterju 3.4 għandu jiġi emendat.".*

1.4. Il-Kunsillier P. Cutajar irrefera għall-minuta 9.16. **(Ref: A/5/3/1/Vol X)** u ssuġġerixxa li tinqara kif jidher hawn taħt:

*"9.16. Il-Kunsillier P. Cutajar qal li huwa jaqbel li ex-sindku għandu jingħata l-unur Ġieħ il-Mellieħa wara mandat wieħed, iżda jaqbel li fil-każ tal-kunsillieri, l-unur Ġieħ il-Mellieħa jingħata wara li dawn itemmu l-kariga. Il-Kunsillier H. Fenech qabel ma' din l-opinjoni għar-raġunijiet ta' kredibilità.".*

1.5. Il-minuti tas-seduta Nru. 14 tad-29 ta' Diċembru 2008 ġew approvati u ffirmati bl-emendi mressqa.

## 2.0. Korrispondenza

### 2.1.1. Wirja tal-Mejda ta' l-Appostli (S/6/Vol II)

2.1.3. Inqrat ittra datata 3 ta` Jannar 2009, fejn il-Kumitat Organizzativ tal-wirja appella lill-Kunsill sabiex jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' l-edizzjoni li jmiss tal-wirja msemmija..

2.1.2. Kien hemm qbil li din it-tradizzjoni għandha tkompli tiġi nkoraġġita u għalhekk il-Kunsill għandu jipparteċipa fiha. Il-Kunsill kien tal-fehma li s-sehem tiegħu għandu jingħata pubbliċita` kemm fuq il-fuljetti li ser jiġu stampati, kif ukoll waqt l-attivita` infisha.

### 2.2.1. Użu ta' kamra taħt Ġnien iż-Żerniq (P/4/16/Vol III)(P/4/4/Vol III)(A/4/10)

2.2.2. Is-Segretarju rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta preċedenti dwar talba li saret mill-Heritage Parks Foundation fejn talbu li l-kamra illi hemm biswit il-latrina ta' Ġnien iż-Żerniq fil-Manikata tintuża bħala uffiċċju mir-*ranger* tal-fundazzjoni, kif ukoll sabiex jitqiegħed fiha apparat tas-*CCTV*. Wara li l-Kunsill ma' laqax din it-talba, Dr Rudolph Ragonesi f'isem il-fundazzjoni reġa kiteb li l-użu tal-kamra huwa wieħed temporanju billi l-ħtieġa għall-installazzjoni ta' *cameras* hija urġenti sabiex jiġu evitati atti ta' vandaliżmu u serq. Huwa qal ukoll li ser issir applikazzjoni mal-MEPA sabiex issir kamra ta' l-injam, fejn ikun jista' jiġi trasferit dan l-apparat hekk kif din titlesta.

2.2.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi kkummenta li x-xibka tat-tunnara li qegħda merfugħa f'garaxx fi Triq San Ġorġ ma tistax tiġi trasferita għall-Fortizza tas-Salib fejn hemm il-Kwartieri tal-Mellieħa Scout Group, peress li ta' l-aħħar mhux addattat, minħabba li jidħol l-ilma. Għalhekk l-uniku post li fadal fejn tista' tinżamm ix-xibka hija l-kamra li hemm fi Ġnien iż-Żerniq.

2.2.4. Il-Kunsill ikkonferma d-deċiżjoni meħuda fis-seduta preċedenti.

### 2.3.1. Sewqan perikoluż fi Triq il-Qasab k/m Triq Għajn Żejtuna (C/3/2/Vol II)( C/1/Vol X)

2.3.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għadda Memo 38/2008 datat 16 ta' Diċembru 2008 dwar l-iskema li ġiet imnedija mis-Segretarjat għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni, intiża biex jittieħdu inizjattivi ta' *energy saving* fil-lokalitajiet. Kemm-il darba iniżjattiva bħal din tiġi approvata, jingħata finanzjament sa massimu ta' €10,000 fejn il-Kunsill jista' jikseb ko-finanzjament ta' l-ispiża mingħand xi ndividwu jew entità. Is-Segretarju qal li bħala proġett konkret il-Kunsill jista' jidħol għall-installazzjoni ta' pannelli fotovoltaiċi fuq il-bejt ta' l-uffiċċju biex jitnaqqas il-konsum ta' l-elettriku. Dan wara li jittieħed parir mill-*Contract Manager* responsabbli mid-dwal tat-toroq, f'dak li jirrigwarda s-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni relattiva.

2.3.3. Il-Kunsill approva din il-proposta u awtorizza lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħmel l-arranġamenti meħtieġa biex il-Kunsill ikun jista' jibbenefika mill-iskema.

### 2.4.1. Attrezzi fin-*Nursery* tas-Sorrijiet tal-Qalb ta' Ġesù (S/6/Vol III)

2.4.2. Saret referenza għal talba datata 14 ta' Jannar 2009, mibgħuta mis-Sorrijiet tal-Qalb ta' Ġesù fejn talbu l-għajnuna tal-Kunsill sabiex jinxtara tapit għall-kamra fejn jilgħabu t-tfal fin-*nursery* li huma għandhom fl-istess kunvent.

2.4.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom jiġi identifikat metodu kif tista' tingħata l-għajnuna mitluba.

**2.5.1. Estensjoni tal-bankina quddiem Di Vine Restaurant fi Triq il-Kbira (PA3989/08) (T/4/10)**

2.5.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrefera għal applikazzjoni – PA 3989/08 – fejn intalab li ssir *buildout* fil-bankina quddiem l-istabbiliment imsemmi, bil-għan li jitpoġġew imwejjed u siġġijiet. Huwa ġibed l-attenzjoni li diġa kien hemm oġġezzjoni mill-Kunsill għal applikazzjoni simili li tinvolvi l-istess stabbiliment (PA 6221/05). Huwa fakkar li din kienet ġiet rifjutata minħabba li toħloq preċedent u għalhekk ir-raġunijiet li nġiebu dakinhar kienu:

- Li l-bini ta' *buildouts* permanenti fil-bankini jnaqqas l-ispazju għall-parkeġġ, skond l-iskema approvata mill-ADT u l-MEPA (PA 1082/99); u
- l-istabbilimenti li ngħataw permess sabiex iqegħdu mwejjed u siġġijiet jinsabu f'kantunieri, fejn diġa hemm *buildouts* li saru skond l-imsemmija skema.

2.5.3. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill kien tal-fehma li m'għandux ikun hemm strutturi permanenti fit-triq għalkemm ma kienx kontra li jitqiegħu imwejjed u siġġijiet b'mod ikkontrollat fil-*parking bay* tard filghaxija u bil-lejl. Il-bankina eżistenti għandha titħalla libera f'kull ħin sabiex jitħalla passaġġ pedonali.

2.6.1. **Tour ta' Malta 2009 (S/4/2/Vol III)**

2.6.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-korrispondenza li kien hemm ma' l-organizzaturi tat-Tour Ta' Malta 2009, li ser jsir bejn il-25 u t-30 ta' Marzu 2009. Billi waħda mit-tlielaq ser tkun fil-Mellieħa l-organizzaturi talbu l-għajnuna tal-Kunsill sabiex isibu akkomodazzjoni fil-Mellieħa b'rati mnaqqsa.

2.6.3. Il-Kunsill innota din it-talba.

## 3.0. Tqegħid ta` Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 24/12/08 – 15/01/09
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 23/12/08 – 13/01/09
- *Purchase Request Form* – 15/01/09
- Skeda ta` ilmenti - 0761/08 - 0005/09
- Skeda ta` korrispondenza li waslet
- Skeda ta` korrispondenza li ntbagħtet
- Minuti – Sotto-Kumitat Relazzjoni ma' l-Għaqdiet - 18/12/08
- Minuti – Kumitat Konġunt dwar l-Ordni Pubbliku – 15/12/08
- Minuti – Sotto-Kumitat Relazzjonijiet ma' l-Għaqdiet – 08/01/09
- Minuti – Laqgħa fil-Ministeru għall-Infrastruttura, it-Trasport u Komunikazzjoni – 16/12/08

## 4.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

**4.1.1. Servizzi klerikali permezz ta' sejħa għall-offerti (P/7/1/Vol VIII)**

4.1.2. Is-Segretarju rrefera għad-diskussjoni li kien hemm dwar dan is-suġġett fis-seduta preċedenti, kif ukoll għall-Memo 27/2008, mibgħut mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, datat 29 ta' Settembru 2008. Il-Kunsill ġie mgħarraf li permezz ta' *e-mail* datat 19 ta' Jannar 2009 iffirmat mill-Assistent Direttur ta' l-istess Dipartiment ingħata permess sabiex il-kuntratt taż-żewġ ħaddiema nvoluti jiġi estiż għal massimu ta' sitt xhur oħra, ossija sal-Lulju 2009.

4.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u talab li dan jiġi mgħoddi lill-persuni konċernati.

4.2.1. **Xogħlijiet fi Triq il-Kbira bejn Triq il-Qortin u Triq Għajn Żejtuna (T/4/13/Vol VII)**

4.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li nbeda x-xogħol fi Triq il-Kbira bil-*culvert* ta' l-ilma tax-xita.

4.2.3. Is-Segretarju għarraf li minn testijiet li għamel il-kuntrattur irriżulta li hemm medda żgħira li teħtieġ *cement stabilisation course*. Huwa qal ukoll li biex ix-xogħol isir bla diffikulta` fil-

*laybys* li hemm fil-bankini, il-kuntrattur qed jirrakkomanda li dawn isiru bil-konkos infurzat bix-xibka. Il-*contract manager* ġie infurmat dwar dan wara żjara fuq il-post. Huwa kien tal-fehma wkoll li l-bankina li hemm bejn Villa Omaru u Triq Għajn Żejtuna għandha togħla fil-livell biex it-triq ma żżommx ilma waqt u wara x-xita.

4.2.4. Il-Kunsill innota u approva r-rakkomandazzjonijiet mressqa.

### 4.3.1. Skema ta' inċentivi lill-awturi mil-lokalità (P/3/3)

4.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf illi fil-15 ta' Jannar 2009 saret l-ewwel laqgħa tal-Bord dwar il-Pubblikazzjonijiet, kif ġie kostitwit fis-seduta preċedenti. Fl-istess laqgħa ġie rakkomandat li l-ewwel pubblikazzjoni li għandha tibbenefika mill-iskema huwa x-xogħol tas-Sur Jimmy Muscat bit-titlu "L-Istorja tal-Mellieħa – Dati Storiċi". Billi hemm l-intenzjoni li jkun hemm serjè ta' pubblikazzjonijiet, l-isem rakkomandat għas-sensiela huwa "Ħannieqa Kotba Melleħin", liema isem intgħażel wara konsultazzjoni mal-kittieb il-Professur Oliver Friggieri.

4.3.3. Is-Sur R. Cutajar kompla jgħid li wara l-laqgħa tal-Bord kien hemm kuntatti mal-pubblikaturi Miller Distributors Ltd li lesti jisponsorjaw parti minn nefqa nvoluta biex l-ispiża finali għal 500 ktieb *soft bound* ta' madwar 150 paġna tammonta għal €1,600. Dawn ser ikunu jistgħu jiġu stampati fil-Gutenberg Press ta' Ħaż-Żabbar. Biex tonqos din l-ispiża, saru kuntatti mal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport illi lesti jikkontribwixxu €1,000 għall-pubblikazzjoni ta' l-ewwel ktieb.

4.3.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li peress illi din il-proċedura ser tibqa' tirrepeti ruħha, jkun aħjar li jitfassal dokument ta' l-offerta bil-għan li ssir sejħa għall-offerti u jingħata kuntratt li jibqa` jigi segwit f'pubblikazzjonijiet sussegwenti. Huwa rrakkomanda wkoll li fl-istess kuntratt għandu jkun hemm klawsola li teżenta lill-Kunsill mir-responsabilita` tal-materjal f'dik li hija interpretazzjoni ta' fatti, ommissjonijiet eċċ.

4.3.5. Is-Sindku kkummenta li din id-darba qed tiġi segwita l-proċeduri spjegata aktar 'il fuq peress li l-iskema ser tiġi mnedija f'Jum il-Kunsill fis-27 ta' Frar 2009, kif ukoll minħabba li mhux ser ikun hemm ksur tar-Regolamenti Finanzjarji, kemm-il darba l-Ministeru ta' l-Edukazzjoni jħallas direttament lid-dar tal-pubblikazzjoni. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa jaqbel mal-proposta fil-minuta 4.3.4.

4.3.6. Fuq mistoqsija tal-Kunsillier J. Azzopardi, is-Sindku wieġeb li l-kwistjoni tal-copyright għad trid tiġi diskussa ma' l-awturi b'mod individwali.

4.3.7. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa u ta l-kunsens biex il-ktieb imur għall-pubblikazzjoni.

### 4.4.1. Ftehim ta' koperazzjoni ma' l-Għaqdiet Mużikali (K/2/53)

4.4.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrefera għall-abbozz tal-ftehim imsemmi li ġie mgħoddi lil kull kunsillier qabel is-seduta. Huwa qal li dan ma fihx xi tibdil sostanzjali għajr li ġew aġġornati d-dati li kien hemm, kif ukoll ir-rati li msemmija fis-seduta preċedenti. Għarraf ukoll li s-Sotto-Kumitat Relazzjonijiet ma' l-Għaqdiet ħejja kwestjonarju sabiex jintbagħat lill-għaqdiet kollha tal-lokalità. F'dan il-kwestjonarju ntalab tagħrif dwar l-għaqdiet infishom, kif ukoll fuq l-attivitajiet li jorganizzaw matul is-sena.

4.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.5.1. *Tournament* tas-*Snooker* u *American Pool* (S/4/2/Vol II)

4.5.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 4.6.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li t-*tournament* tas-*snooker* ser jintlagħab fuq bażi ta' *league* bl-ewwel logħba ser tkun fit-28 ta' Jannar 2009. Il-logħob ser jibda jkun kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ħamis u ser jipparteċipaw 32 kompetitur.

4.5.3. Fil-każ ta' l-*American Pool* ser ikun hemm 12-il plajer li ser jikkompetu fuq bażi ta' *knockout*, bl-ewwel logħba ser tkun fl-20 ta' Jannar 2009. Dawn ser jibdew ikunu kull nhar ta' Tlieta u Ħamis.

4.5.4. Is-Sur H. Fenech qal li l-finali taż-żewġ kompetizzjonijiet ser ikun fil-Mellieħa Sports Club fit-30 ta' April 2008.

4.5.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta’ Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 15 ta’ Jannar 2009.

5.3. Il-Kunsill approva l-*items* kollha elenkati fl-iskeda. Għalhekk, is-Segretarju ntalab sabiex jibgħat il-*Purchase Orders* relattivi.

5.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf illi wara li tlesta x-xogħol fuq il-bankina li saret fi Triq Ġnien Ingraw, bejn Triq San Luqa u l-Madonna Ta’ l-Għar, saret sejħa fil-gazzetta biex jinġiebu stimi rigward it-tqegħid ta’ puġġaman tal-ħadid. Wieġbu għas-sejħa tliet kuntratturi li kkwotaw kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Steel Design | € 2,162 |
| Joe Gauci | € 4,451 |
| B. Grima & Sons | € 6,501 |

5.5. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li l-*Contracts Manager* irrapporta li huwa kkuntattja lil Steel Design sabiex jikkonfermaw l-istima tagħhom wara li ġie spjegat lilhom il-*bill of quantities*.

5.6. Wara diskussjoni ġie deċiż li għandha tinħareġ *purchase order* lil Steel Design.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta` Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet imressqa wkoll skeda ta’ pagamenti mitluba bejn l-24 ta’ Diċembru u l-15 ta’ Jannar 2009.

6.3. Tressqet ukoll skeda ta’ infieq li sar permezz tal-*petty cash* li tkopru l-perjodu bejn it-23 ta’ Diċembru u t-13 ta’ Jannar 2009.

6.4. Il-Kunsill ra l-kontenut taż-żewġ skedi u approva l-pagamenti elenkati fihom.

## 7.1. Tħejjijiet għal Jum il- Kunsill (A/5/3/1/Vol X)

7.2. Is-Sindku għarraf li huwa flimkien mal-Kunsillier C. Bartolo komplew il-kuntatti dwar it-tħejjijiet meħtiega. Is-Sur R. Cutajar qal li l-President ta’ Malta Edward Fenech Adami mhux ser ikun jista’ jippatronizza s-serata tas-27 ta’ Frar 2009 minħabba li ser ikun imsiefer. Kif kien miftiehem, sar kuntatt mal-Prim Ministru Lawrence Gonzi biex jattendi minfloku, liema stedina ġiet aċċettata. Huwa għalhekk ippropona li l-onorefiċenzi jiġu ppreżetati mill-Prim Ministru. Saret talba lis-Sinjuri Stephanie Spiteri u Carlo Borg Bonaci sabiex jippreżentaw is-sarata. Din l-istedina ġiet aċċettata wkoll.

7.3. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa propost li r-*running order* tas-serata tkun kif ġej:

07.25 pm – Wasla tal-Prim Ministru Lawrence Gonzi;

07.30 pm - Daqq l-Innu Malti

07.33 pm - Introduzzjoni mill-preżentaturi Stephanie Spiteri u Carlo Borg Bonaci

07.40 pm - Jingħata bidu għall-*musical* “*El Mellaha* ....Grajjietha”

08.45 pm - Tnedija tas-sensiela ta’ kotba “Ħannieqa ta’ Kotba Melleħin”

08.55 pm – Preżentazzjoni ta’ Onoreficjenzi

09.20 pm – Diskors mis-Sindku

09.35 pm – Diskors mill-Prim Ministru

09.45 pm - Għeluq

7.4. Is-Sur C. Bartolo fakkar li fis-seduta preċedenti kien għad m'hemmx ftehim fuq il-proposta dwar it-tħabbir ta' l-onorefiċenzi waqt l-istess serata. Il-Kunsillier J. Azzopardi tenna li huwa għadu mhux konvint li dan huwa l-aħjar mod, għaliex jista' jkun hemm minn jagħżel li ma jattendix.

7.5. Is-Sindku wieġeb li f'okkażjonijiet simili normalment isir hekk u ma jarax ir-raġuni għaliex għandha toħloq problemi fuq il-livell lokali. Is-Sur R. Cutajar ikkummenta li l-persuni jew organizzazzjonijiet li jkunu *shortlisted,* illi ma jieħdux l-onorefiċenzi, m'għandhomx jħossuhom offiżi. Dan għaliex ix-shortlist fiħ innifsu huwa ta' sodisfazzjoni ukoll.

7.6. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li l-persuni jew l-organizzazzjonijiet *shortlisted* għandhom ikunu preżenti għas-serata u jitħabbru dak il-ħin. Peress li s-serata ser tkun waħda gala, dawn il-persuni għandhom ikun liebsa għall-okkażjoni.

7.7. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa ma jaqbilx li l-onorefiċenzi jiġu ppreżentati mill-persuna li tkun ser tippattronizza s-serata, għaliex primarjament din tkun attività tal-kunsill. Is-Sindku wieġeb li dan id-dettal jista' jiġi verifikat mil-lat ta' protocol. Kemm-il darba il-protocol jippermetti, l-onorefiċenza ta' Rikonoxximent tiġi ppreżentata mis-Sindku, filwaqt li dik tal-Gieħ tiġi ppreżentata mill-persuna li tkun qed tippatronizza l-attività.

7.8. Is-Sindku ppropona li jkun hemm ktejjeb bil-lirika tal-*musical* li ser jiġi ppreżentat. Dan ser ikun fih madwar tnax-il paġna u hemm possibilta' li jinstab *sponsor* illi jkopri l-ispiża nvoluta. Huwa qal ukoll li qed isir sforzi biex possibilment jinstab *sponsor* ieħor li jkopri għall-ispejjeż tal-*compact disc* tal-*musical*.

7.9. Is-Sur R. Cutajar għarraf li l-istampar ta' l-inviti ser mid-ditta Print-It Ltd. Huwa ppropona li l-persuni distinti mistiedna għandhom ikunu l-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sports, l-Onor. Dolores Cristina, is-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni, l-Onor. Chris Said, il-Kap ta' l-Opposizzjoni l-Onor. Joseph Muscat u l-Kelliemi ta' l-Opposizzjoni dwar il-Kunsilli Lokali l-Onor Stefan Buontempo, flimkien mad-deputati parlamentari tad-distrett.

7.10. Il-Kunsill laqa' din il-proposta.

7.11. Il-Kunsillier J. Azzopardi, qal li minbarra is-serata fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill għandu jkun hemm żjara lill-anzjani fid-Dar il-Madonna tal-Mellieħa nhar is-Sibt 28 ta' Frar 2009. L-għada l-Ħadd l-1 ta' Marzu jkun hemm l-isparatura annwali li jsir għall-istess okkażjoni mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Melleħin.

7.12. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi kkunsidrata żjara fid-Dar il-Madonna tal-Mellieħa flimkien ma' l-isparatura annwali mill-membri ta' l-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonijiet Melleħin.

7.13. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha ssir donazzjoni ta' €250 lill-Community Chest Fund.

**8.1. Identifikazzjoni ta' proġetti għal finanzjament permezz tal-programm LEADER ta' l-Unjoni Ewropea (P/10/2/Vol III)**

8.2. Għad-diskussjoni fuq dan is-suġġett ġie mistieden jattendi Dr Gordon Cordina bil-għan li jiġu diskussi miegħu l-kunċetti li jista' jaddotta l-Kunsill biex jiġu identifikati proġetti li jistgħu jitwettqu bil-fondi msemmija. Dr Cordina kkummenta li ser ikun hemm kompetizzjoni qawwija bin-numru ta' imsieħba li hemm fil-*Local Action Group*, liema sitwazzjoni tista' tingħeleb bi preparazzjoni serja. Huwa għamilha ċara li l-proġetti approvati jridu jkunu parzjalment iffinanzjati mill-programm, filwaqt li l-bqija jeħtieġ jagħmlu tajjeb għalihom il-fondi ordinarji tal-Kunsill. Huwa qal ukoll li l-fondi ma jistgħux jintużaw għal titjib infrastruttrali intiż sabiex jintlaħqu l-livelli li tesiġi l-Unjoni Ewropea.

8.3. Is-Sindku qal li l-Gvern għadu kemm ħoloq skema proprju biex tagħmel tajjeb għall-proġetti approvati taħt xi programm ta' l-Unjoni Ewropea illi jkunu jirrikjedu ko-finanzjament mill-kunsilli lokali.

8.4. Is-Sur R. Cutajar qal li sfortunatament għad ma nħolqotx struttura amministrattiva fil-Ministeru għall-Ambjent u Affarijiet Rurali biex tkun tista' tibda l-proċess.

**9.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:**

**"Billi permezz ta' riżoluzzjoni mgħoddija fid-9 ta' Awissu 2006 is-Sinjura Marica Azzopardi Gambin ġiet maħtura Assistent Uffiċjal Prinċipali fi Skala 11 *Notch* 5;**

**Billi qed taqdi dmirijietha b`mod sodisfaċenti, kif jirriżulta mill-*Performance Appraisal Report* imressaq quddiem il-Kunsill fl-28 ta' Marzu 2008;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li, skond kif stabbilit fir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) Regolament 15(5), is-salarju tagħha għandu jitla' għal *Notch* 7 ta` l-Iskali applikabbli għas-Servizz Pubbliku, ippubblikati mid-Dipartiment tat-Teżor kull sena, b`effett mill-1 ta` Jannar 2009.".**
**(P/7/1/Vol VIII)(Wages)**

9.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier C. Bartolo. Il-Kunsillier J. Azzopardi ddikjara li għandu parentela mas-Sinjura Azzopardi u għalhekk ma ħax parti fid-diskussjoni.

**10.1. Qlib ta' l-ilma tax-xita fi Triq N. Copernicus (T/4/13/Vol VIII)**

10.2. Saret referenza għad-diskussjoni li kien hemm dwar dan is-suġġett fis-seduti Nri. 7 u 9 tal-31 ta' Lulju u tas-16 ta' Settembru 2008, rispettivament. Il-Kunsill ġie mgħarraf li ntalbu stimi permezz tal-*period contract* ma' Central Asphalt Ltd. Dawn kienu kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| *Culvert* li jikkonsisti f'kanal ta' 0.5 metru mibni u msaqqaf | € 9,617.00 |
| *Culvert* b'katusi ta' 12-il pulzier ħxuna | € 8,157.27 |
| *Culvert* b'katusi ta' 8 pulzieri ħxuna | € 7,662.51 |

10.3. Il-Kunsill ma kienx konvint illi għandha ssir din l-ispiża, peress li ma nbidel xejn mil-livelli tat-triq wara li din ingħatat it-tarmak kmien fl-2006. Intwerew dubji wkoll jekk kienux jeżistu miżuri fil-proprjetà tas-Sur Degaetano biex jgħaddi l-ilma, illi biż-żmien tneħħew. Għaldaqstant ġie ssuġġerit li s-Sur Degaetano għandhu jintalab jgħaddi kopja tal-kuntratt dwar l-akkwist ta' din il-proprjetà.

**11.1. Devoluzzjoni ta' beni ta' valur storiku u ambjentali (A/6/7/Vol II)**

11.2. Is-Sindku għarraf li t-Torri l-Abjad reġa għadda lura għand il-Gvern wara li ntemmet il-kirja li kien hemm. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li l-Historical Military and Maritime Society wriet interess li tieħu t-tmexxija ta' dan il-bini wara li dan jiġi devolut lill-kunsill lokali. Is-soċjetà qed tipproponi li tagħmel studju fuq l-istat attwali tal-post, tirrestawraħ u tirrabilitaħ bil-għan li jinbidel f'mużew ħaj u jinfetaħ għall-pubbliku. Skond ir-rapport sottomess, is-soċjetà ser tara li tikseb għajnuna finanzjarja biex tagħmel ir-restawr meħtieġ. Aktar 'il quddiem is-soċjetà beħsiebha tiffinanzja l-manutenzjoni meħtieġa bil-fondi li tiġġenera mid-dħul li jkun hemm.

11.3. Il-Kunsill ra li skond ir-rapport mressaq, dan il-proġett mhux ser ikun ta' piż finanzjarju fuq il-kunsill u għalhekk iddeċieda li għandha tintalab id-devoluzzjoni tiegħu bil-premessa li jsir ftehim mal-Historical Military and Maritime Society dwar it-tmexxija tat-torri billi l-kunsill m'għandux ir-riżorsi umani biex jagħmel dan. Kien hemm qbil li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet f'dan is-sens mas-Segretarju Parlamentari ta' l-Artijiet u Erarji Pubbliċi

12.1. ***Mobile telephony antenna* fi Triq Tas-Salib (P/5/8/S)**

12.2. Is-Sindku għarraf li huwa ġie avviċinat minn xi residenti tat-triq imsemmija fil-parti bejn Misraħ tas-Salib u Triq il-Barrada. Dawn qed jilmentaw li dawn huma ta' dannu għas-saħħa. Sar kuntatt mal-MEPA billi kien hemm allegazzjonijiet li din twaħħlet mingħajr il-permess. Irriżulta li m'hemmx ħtieġa ta' applikazzjoni formali kemm-il darba l-għoli ta' l-antenna ma jkunx jaqbeż tliet metri.

12.3. Is-Sur R. Cutajar qal li għad hemm minn jargumenta li r-radjazzjoni ġġenerata minn dawn l-*antennas* hija ta' dannu għas-saħħa. Għalhekk huwa ppropona li għandu jiġi ppreżentat protest ġudizzjarju fejn l-entitajiet konċernati jinżammu responsabbli għad-danni fl-eventwalita` li jirriżulta xi dannu għas-saħħa tar-residenti.

12.4. Wara diskussjoni, il-Kunsill ma laqax din il-proposta għaliex jeżistu diversi antennas simili fil-lokalita`, kif ukoll mhux daqshekk faċli li tiġi ppruvata l-kawża tad-danni għas-saħħa.

## 13.1. Inawgurazzjoni tal-faċilitajiet fil-*Ground* Ta' Pennellu (S/4/1/3/Vol III)

13.2. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-inawgurazzjoni tal-faċilitajiet imsemmija ser issir nhar it-Tlieta, 10 ta' Frar 2009, meta ser jiġu ppreżentati ċ-ċwievet tal-*ground* lil Kap ta' l-Iskola Primarja tal-Mellieħa. Huwa kompla jgħid illi l-proġett tat-*turf* tal-*five-a-side pitch* u tal-*ground* il-kbir saru mill-Fundazzjoni għall-Iskejjel T'Għada bi spiża ta' €275,000. Il-Mellieħa Sports Club ingħata €25,000 mill-Fond għall-Kawżi Ġusti. Il-klabb ibbenefika wkoll b'kemm jiswew €15,000 li kienu jikkonsistu f'xogħlijiet u materjal mingħand il-Gvern. Huwa qal li ser jara li l-sehem tal-Kunsill preċedenti u dak attwali, jiġi rikonoxxut fid-diskorsi li jsiru.

13.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li dan il-proġett twettaq b'sinerġija bejn il-Kunsill Lokali u l-Gvern Ċentrali. Il-mod kif dan twettaq għandu jkun ta' eżempju għal lokalitajiet oħra. Huwa fakkar li l-ispiża illi saret mill-Kunsill fuq il-livellar ta' l-art u s-servizzi, flimkien mal-*floodlights* swew 'il fuq minn €102,000.

13.4. Is-Sindku kompla jgħid illi flimkien mas-*safety foam* li sar madwar l-arbli tal-*floodlights*, huwa meħtieġ li jinbena ħajt mal-ġenb tal-*ground* li jiġi biswit Triq Vincenzo Ciappara. Huwa ppropona li dan jinbena mill-Kunsill.

13.5. Il-Kunsill approva din il-proposta.

## 14.1. *Bring-In Site* fi Triq Qasam Barrani (K/6/10/Vol II)

14.2. Il-Kunsillier P. Cutajar ilmenta li l-*bring-in site* imsemmija qed tnaqqas l-ispazju għall-parkeġġ, kif ukoll spiss qed tiġi abbużata billi jinġiebu oġġetti li mhux suppost jintremew b'dan il-mod, bħalma huwa l-iskart goff. Huwa għalhekk ippropona li jinstab post alternattiv.

14.3. Il-Kunsill ma laqax din il-proposta għaliex tiġi aktar abbużata kemm-il darba din ma tkunx fejn tidher.

## 15.1. Andament tas-Sistema dwar l-Infurzar Lokali (W/3/1/Vol II)

15.2. Il-Kunsillier E. Bartolo ressaq rendikont dwar *tickets* mogħtija mill-Gwardjani Lokali fix-xhur ta` Novembru u Diċembru 2008. Huwa għarraf li f'dawn ix-xhur, il-Mellieħa rreġistrat *surplus* ta' €2,154. Dan irriżulta wara li ġie rreġistrat dħul ta' €24,200, kontra spiża ta' €21,510. Is-somma ta' €1,245 marret fil-fond ta' riżerva.

15.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 16.1. Rendikonti finanzjarji – Iljieli Melleħin u Milied Mellieħi (A/5/3/5)(A/5/3/6)

16.2. Is-Sindku rrefera għaż-żewġ avvenimenti msemmija u ressaq rendikont tad-dħul u l-ispejjeż marbuta magħhom. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li dawn ser jidhru fil-ħarġa li ta' Frar 2009 tal-magazin "Mill-Qiegħa". Ir-rendikonti ser jiġu ppubblikat kif ġej:

**Iljieli Melleħin 2008**

| | Dhul | Hrug |
|---|---|---|
| ***Dhul minn Sponsors*** | **€** | **€** |
| Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali | 1,000.00 | |
| Kunsill Malti tal-Isports | 1,052.03 | |
| Awtorita` Maltija tat-Turiżmu | 566.04 | |
| GO plc | 2,330.00 | |
| Bank of Valletta plc | 500.00 | |
| HSBC Bank Malta plc | 500.00 | |
| *Sponsors* oħra | 1,390.00 | |

| | | |
|---|---|---|
| ***Spejjeż*** | | |
| Delegazzjonijiet minn Adenau u Cavriglia | | 1,849.38 |
| Trasport | | 1,061.70 |
| Dwal | | 1,754.19 |
| *Audio* | | 700.00 |
| *Filming* ta' l-attività fuq DVD's u fotografu | | 401.84 |
| Kiri ta' Imwejjed u Siġġijiet | | 600.62 |
| Servizz - Sigurtà u Pulizija | | 641.68 |
| Tabelli, *backdrops*, reklamar u fjakkoli | | 1,151.10 |
| *Entertainment* u *Animation* | | 600.00 |
| *Mementos* | | 1,052.03 |
| Oħrajn | | 518.30 |
| | 7,338.07 | 10,330.84 |
| **Bilanc** | | -2,992.77 |

**Milied Mellieħi 2008**

| | Dhul | Hrug |
|---|---|---|
| ***Dhul minn Sponsors*** | **€** | **€** |
| Segretarjat Parlamentari ghall-Konsultazz-joni Pubblika u l-Informazzjoni | 3,500.00 | |
| Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti | 1,100.00 | |
| Awtorita` Maltija tat-Turiżmu | 600.00 | |
| *Sponsors* Oħra | 5,701.00 | |
| ***Spejjeż*** | | |
| Armar, Kiri u Żarmar tat-Tinda | | 4,000.00 |
| Trasport | | 200.00 |
| Dwal u *Floodlights* | | 916.00 |
| *Audio* | | 1,500.00 |
| *Filming* ta' l-Attività fuq DVD's u Fotografu | | 651.17 |
| Kiri ta' Imwejjed u Siġġijiet | | 230.10 |
| Servizz ta' Sigurtà | | 687.00 |
| Tabelli u *Backdrops* | | 600.27 |
| *Hlas lix-chef miġjuba mill-Awstrija* | | 750.00 |
| *Entertainment* u *Animation* | | 3,105.00 |
| Zkuk minn Adenau u Fjakkoli | | 651.70 |
| *Huts* ta' l-Injam | | 700.00 |
| Oħrajn | | 54.00 |
| | 10,901.00 | 14,045.24 |
| **Bilanc** | | - 3,144.24 |

16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 17.1. Konferenzi stampa (V/1/Vol II)(S/4/2/Vol III)

17.2. Is-Sindku għarraf li s-Segretarji Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubbliku u l-Informazzjoni u dak responsabbli miż-Żgħażagħ u l-Isports – l-Onor Dr Chris Said u Clyde Puli, rispettivament ser jindirizzaw konferenza stampa fuq it-tnedija ta' skema mħaddma mill-Kunsill Nazzjonali ta' l-Isports intiża biex tħajjar lill-Kunsilli Lokali jorganizzaw attivitajiet sportivi. Is-Sur R. Cutajar qal li kemm-il darba t-temp jippermetti din ser issir fit-22 ta' Jannar 2009 f'Ta' l-Ibraġ.

17.3. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li l-Onor. Dr Chris Said – ser jagħti konferenza stampa oħra fil-Manikata fl-24 ta' Jannar 2009, fuq il-kampanja li għaddejja dwar il-ġbir ta' oġġetti abbandunati u skart minn diversi postijiet. Is-Sur R. Cutajar stieden lill-kunsillieri jattendu fiż-żewġ okkażjonijiet.

### 18.1. Bumunqar tal-Palm (K/6/3/Vol III)

18.2. Is-Sindku qal li permezz ta' l-Għaqda Residenti Santa Marija Estate, sidien ta' proprjetajiet f'din iż-żona ntalbu jindikaw dwar jekk għandhomx siġar tal-palm fil-proprjetà tagħhom. Dan sabiex ikunu jistgħu jsiru spezzjonijiet mill-uffiċjali tal-Plant Health Department ħalli jiġi stabbilit dwar jekk ġewx attakkati mill-Bumunqar tal-Palm (*Red Palm Weevil*).

18.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 19.1. Bdil ta' *mains* ta' l-ilma fi Triq Ġorġ Borg Olivier (T/4/2/Vol XVIV)

19.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma għandha l-intenzjoni li tibda x-xogħol fuq il-bdil tal-*mains* ta' l-ilma fit-triq imsemmija matul Frar 2009.

19.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-ħruġ tal-*clearance* li ser tintalab.

### 20.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol III)

20.2. Is-Sindku ppropona li fis-17 ta' Frar 2009 issir ħarġa kulturali lejn l-Imdina, fejn issir żjara fl-Mdina Dungeons issir waqfa għall-kafè.

20.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fil-11.00 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 9 ta' Frar 2009 fis-7.00pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**